18 ta' Novembru, 1946.

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.***
**L-Onor. Prof. Dr E. Ganado, LL.D**
**L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.**

**Joseph Fava ot. *versus* Antonio Bonnici**

## "Pools" — Soċjetà — Kuntratt "sui generis".

*Il-"Pools" huma għaqdiet speċjali u "sui generis" li saru u kellhom neċessarjament jinħolqu fiż-żmien anormali tal-gwerra, u ma jistgħux jissejħu veri soċjetajiet biex jiġu regolati mil-liġi kummerċjali riferibbli għas-soċjetajiet.*

*Jekk wieħed mill-membri tal-Pool jobbliga ruħu lejn l-oħrajn, dak l-obligu għandu jiġi osservat minnu indipendentement minn kwalunkwe kwistjoni tal-validità jew le ta' l-iskrittura li biha ġie ffurmat il-Pool.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew li l-konvenut huwa distributur taż-Żejtun għall-oġġetti razzjonati; u peress illi f'dik il-kwalità tiegħu għandu jagħti lil "Wholesale Foodstuffs Pool Limited" perċentwali tal-45% mill-profitti lordi li jirrikava mid-distribuzzjoni ta' l-oġġetti fuq imsemmija; u peress illi dina l-perċentwali għall-perijodu mill-24 ta' Jannar 1944 sat-30 ta' Diċembru 1944, tammonta għas-somma ta' £1692. 11. 11. kif jidher mill-prospett eżibit (dok. A); u peress illi l-konvenut, debitament interpellat b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 1944, irrifjuta li jħallas dina l-perċentwali; premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbu illi l-konvenut jiġi minn dik il-Qorti kundannat li jħallas lill-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija s-somma ta' £1692. 11. 11, jew somma oħra verjuri iżgħar jew akbar, korrispondenti għal 45% mill-profitti lordi rikavati mid-distribuzzjoni ta' l-oġġetti kontrollati u għall-perijodu mill-24 ta' Jannar sat-30 ta' Diċembru 1944; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 1944, u bl-imgħax kummerċjali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ ta-

Maestà Tiegħu fit-28 ta' Jannar 1946, tiġi ġà dikjarat illi n-nullità tas-soċjetà ma tistax tiġi dedotta b'semplici eċċezzjoni, imma permezz ta' azzjoni; u l-iskrittura u bħala ġiet kostitwita s-soċjetà hija valida skond il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; wara li kkunsidrat:

Illi l-Pools għandhom natura speċjali, u għalhekk issemmiet l-istorja u l-oriġini tagħhom; illi l-konvenut kien ftiehem mal-F.D.E.O. illi jagħti lid-distributuri, li ma kienux "working distributors" il-45% tal-profitti forsi; illi l-kwistjoni jekk minħabba dan il-ftehim jistax l-appellant jeċċepixxi n-nullità tas-soċjetà hija kwistjoni li għandha tiġi ventilata permezz ta' kawża separata; illi l-iskrittura hija valida, għax għandha r-rekwiżiti kollha li trid il-liġi; illi l-għaqda tad-distributuri seta' jkollha kwalunkwe forma u l-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern tikkompleta r-rekwiżiti li trid il-liġi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u għalhekk illi l-eċċezzjoni tan-nullità tiġi milqugħa, u għalhekk ikunu respinti d-domandi bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi n-nullità tas-soċjetà kellha tiġi kunsidrata bħala nullità "ex lege", u għalhekk tista' tiġi eżaminata "ope exceptionis". Iżda, kif tajjeb irritenjet l-Ewwel Qorti, meta għamlet l-istorja ta' l-oriġini ta' dawn il-Pools, dawna huma għaqdiet speċjali u "sui generis" li saru u kellhom neċessarjament jinħolqu fiż-żmien anormali li konna fih, u għalhekk bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jistgħu jissejħu veri soċjetajiet biex ikunu regolati mill-liġi kummerċjali riferibbli għas-soċjetajiet. Infatti l-atturi qegħdin jitolbu kontra l-appellant ir-rifużjoni tal-45% li huma jippretendu li għandhom dritt bħala membri tal-pool li ma humiex "working distributors", għaliex dawn għandhom dritt ta' 55%. Irriżulta mix-xhieda ta' Lawrence Hurst, fil-10 tal-proċess "Fava vs. Grima", illi dik il-perċentwali ġiet suġġerita u stabbilita mill-Gvern, u irriżulta kommuni-

kata lill-Kamra tal-Kummerċ skond ittra fol. 15 ta' dan proċess. Hurst żied ukoll illi "the distributors whom it w intended to appoint were interviewed at the F.D.E.O. an all of them verbally assented to the conditions which we carefully explained to them. Later on, 17. 2. 44, a lett was sent to each of the distributors informing him official that his appointment under the new scheme took effect fro the 21. 1. 44";

Minn dan jidher illi l-appellant, meta aċċetta l-karika t "working distributor", nominat għalhekk mill-Gvern, kie jaf ben tajjeb liema huma l-kondizzjonijiet illi l-Gvern kie qiegħed jeżiġi minn għandu, u għalhekk wara li aċċetta beda jaħdem taht dawk il-kondizzjonijiet, ma jistax issa jmu lura minn dik il-kondizzjoni u minn dak l-obligu;

Tikkunsidra;

Illi minn dan jidher biċ-ċar illi l-obligu ta' l-appellan jeżisti indipendentement minn kwalunkwe att kostitutiv ta soċjetà, li, kif intqal iżjed 'il fuq, hija "sui generis"; għalie ikun assurd f'kuntratt ta' soċjetà illi l-membri jkunu impost mill-Gvern u mhux volontarjament jingħaqdu flimkien; pre ċiżament f'dan il-każ ma hemmx l-"affectio societatis";

Għalhekk ma hemmx bżonn tiġi kunsidrata l-kwistjon jekk hemmx jew le nullità "ex lege". L-istess jingħad għall validità ta' l-iskrittura, preċiżament għaliex il-bażi ta' l-az zjoni ta' l-atturi huwa l-obligu assunt mill-konvenut appel lant, u għalhekk ikun inutili illi jiġu eżaminati d-diversi kwi stjonijiet rigward l-invalidità ta' dik l-iskrittura;

Tikkunsidra;

Illi peress li l-atturi ma għandhex appell mis-sentenza ta l-Ewwel Qorti, il-pronunċjament tagħha ma jistax jiġi mbid del minn din il-Qorti b'mod iżjed gravuż għall-konvenut;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tirrespingi l-eċċezzjoni tan-nullità "ex lege" tal-Pool u tirrespingi l-appell tal-konvenut; u fissens fuq imsemmi tik-konferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.